MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 271/2001/1

Avviz Nru:  271/01 DM

George Tonna ghad-ditta H&G Tonna

Vs

Peter Tonna

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din il-Qorti tigi ordnat tivvaka il-fond 205B Old Bakery Street, Valletta li l-konvenut kien qieghed jokkupa minghajr ebda titolu validi fil-ligi.

Ghal fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju tal-fond imsemmi ma jeccedix il-kompetenza ta’ din il-Qorti, u cioe mija u hames liri fis-sena.

Bl-ispejjez  kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 Il-karenza tal-interess guridiku tal-attur nomine billi hu mhuwiex sid il-fond in kwistjoni fil-Belt Valletta, Old Bakery Street, numru mitejn u hamsa ittra B (205B) u ghalhekk l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-fond in kwistjoni huwa mikri lid-ditta H & G Tonna, u peress illi l-konvenut huwa wiehed mill-eredi tas-socju originali Henry Tonna li kien miet, hu baqa’ kompartecipi f’din id-ditta in virtu tal-Artikolu hmistax (15) tal-ftehim originali datat l-ewwel (1) ta’ Jannar tas-sena elf disa mija u tmienja u hamsin (1958) li kopja tieghu huwa hawn anness u mmarkat Dok “A”;
3 Kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza kien l-attur li snin ilu kien abbanduna l-kummerc li jigi ezercitat fil-fond in kwistjoni f’isem id-ditta H & G Tonna, u beda jezercita kummerc f’lok differenti, u dan in kompetizzjoni max-xoghol tad-ditta imsemmija, u bi ksur tal-Artikolu tnejn (2) tal-ftehim li specifikament jipprovdi li l-introjtu kummercjali tad-ditta irid jigi ezercitat mill-fond in kwistjoni;
4 Ghaldaqstant t-talbiet tal-attur nomine ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu;
5 Salve eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat il-verbal tal- 11 ta’  Lulju 2002 fejn il-kontendenti kif assistiti qablu illi l-fond in kwistjoni huwa mikri mis-sid lid-ditta H & G Tonna u l-lokazzjoni ghada korrenti.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti, konsistenti esklussivament mid-deposizzjonijiet tal-kontendenti u d-dokumenti minnhom esibiti, jirrizulta definitivament, u mhux ikkontestat mill-istess kontendenti, illi d-ditta attrici H&G Tonna giet ifformata bhala socjeta kollettiva fl-1 ta’ Jannar tas-sena 1958 u li l-fond in kwistjoni kien gie mikri minn din id-ditta biex iservi bhala ufficju principali ghan-negozju tal-istess ditta.

Jirrizulta wkoll illi l-attur George Tonna, li qieghed jidher ghan-nom u rapprezentanza ta’ din l-istess ditta, kien wiehed mis-socji originali u illi a tenur tal-klawsola 15 tal-kuntratt ta’ formazzjoni wiehed mis-socji tieghu illum huwa l-konvenut Peter Tonna illi sar socju tal-attur flimkien ma’ hutu mal-mewt ta’ missieru Henry Tonna.

Infatti l-attur George Tonna fid-deposizzjoni tieghu tal-11 ta’ Lulju tas-sena 2002 isostni illi “u l-konvenut Peter Tonna bhala iben, wiehed mill-ulied ta’ Henry Tonna, ghalhekk huwa siehbi f’din id-ditta”.   Kif ukoll fis- seduta tat-12 ta’ Marzu 2003 ikkonferma illi “jiena illi li irtirajt tnax (12) il-sena fl-1988 meta jiena tlaqt kont tajtu lill-konvenut ‘hand over”.

Ghalhekk jirrizulta mhux biss illi l-konvenut Peter Tonna huwa socju fis-socjeta kollettiva inkwilina tal-fond in kwistjoni, izda huwa l-persuna illi, bl-adezjoni tas-socju l-iehor, ossia l-attur George Tonna, huwa awtorizzat illi jiggestixxi l-ufficju in kwistjoni ghan-nom u fl-interess tal-kumpanija attrici.

Il-konvenut pero’ bl-ewwel eccezzjoni tieghu jeccepixxi karenza ta’ interess guridiku da parti tas-socjeta attrici billi jsosstni  illi sakemm is-socjeta attrici mhix is-sid ma ghandha l-ebda interess li titlob l-isgumbrament tal-konvenut.

Izda din l-eccezzjoni mhix ibbazata korrettement fuq principji legali applikabbli ghal-kaz billi biex wiehed jista' jitlob illi jigi protett fit-tgawdija tieghu ta' bejgh immobbli mhux bil-fors illi ghandhu jkun is-sid izda huwa bizzejjed illi jkollu xi titolu iehor illi jintitolah illi jiehu l-pussess u jgawdi l-fond.

L-inkwilin ta' fond urban jikkwalifika bhala wiehed mill-persuni li ghandhu interess illi jipproteggi l-pussess u t-tgawdija tieghu u ghandhu ghalhekk kull dritt illi jitlob l-izgumbrament ta' kwalunkwe terza persuna li tkun tista' qedgha tfixxlu fit-tgawdija tieghu tal-fond mikri jew b'xi mod iehor tipprivah mill-pussess tal-fond lokat.

Fil-kaz in ezami l-kawza giet ipprezentata mid-ditta H&G Tonna illi, kif jaqblu l-kontendenti, hija l-inkwilina tal-fond in kwistjoni msemmi fl-avviz u ghalhekk din id-ditta ghandha kull dritt illi tissalvagwardia t-tgawdija taghha minn kwalunkwe molestja li jistghu jsofru s-socji taghha fit-tgawdija u pussess taghhom tal-fond mikri lid-ditta.

Ghalhekk il-Qorti qedgha tirrespingi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Izda f'dan il-kaz jirrizulta illi l-azzjoni qed tigi ezercitata minn socju wiehed allegatament ghan-nom tas-socjeta kontra socju iehor u ghalhekk "prima face" jirrizulta titolu validu tal-konvenut li jkollu l-pussess tal-fond mikri lid-ditta peress illi d-ditta bhala inkwilina tista' tgawdi l-pussess tal-fond mikri permezz tas-socji taghha.

Il-fatt illi f'nuqqas ta' ftehim kuntrarju kull socju ta' ditta ossija socjeta kollettiva ghandhu dritt ghal pussess tal-fond mikri mid-ditta ma jfissirx illi dan il-pussess ta' wiehed mis-socju ghandhu jkun esklusiv ta' xi socju iehor.

Ghaldaqstant ghall-istess raguni li George Tonna jippretendi illi ghandu d-dritt illi f'isem is-socjeta jitlob il-pussess tal-fond mikri u dan bis-sahha biss tal-att ta' informazzjoni u bl-istess mod il-konvenut ghall-istess

socjeta inkwilina ghandhu d-dritt illi jkollu l-access u tgawdija tal-fond mikri lid-ditta.

F'dan il-kaz anzi jirrizulta stabbilit illi fil-fatt huwa l-konvenut Peter Tonna illi ghandhu t-tmexxija tan-negozju limitat tas-socjeta inkwilina kif anke jirrikonnoxxi l-attur George Tonna u ghalhekk definitament il-konvenut Peter Tonna ghandhu titolu validu fil-ligi biex jibqa' jzomm l-access, pussess u tgawdija tal-fond mikri lid-ditta illi huwa jirrapprezenta.

Kwalunkwe kwistjoni ohra dwar x'tip ta' tgawdija jista' jezercita kull wiehed mis-socji fuq il-fond mikri lid-ditta u kull kwistjoni dwar l-estenzjoni ossia l-limiti tal-uzu li kull wiehed mis-socji jista' jghamel mill-fond lokat huma rrilevanti ghal kwistjoni odjerna billi din tirrigwarda esklussivament jekk is-socju konvenut Peter Tonna ghandhux id-dritt ta' access, pussess u okkupazzjoni tal-fond mikri lis-socjeta li fiha hu u l-attur George Tonna, huma shab.

Ghaldaqstant tirrespingi t-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-attur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------